**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudkatura Kriminali**

MAGISTRAT
**Dr. Victor George Axiak LL.D. Dip. Tax**

Seduta tal-10 ta' Lulju, 2019

**Il-Pulizija**
(Spettur Jeffrey Scicluna)

***kontra***

**Leonard Emmanuel Bernard Tony Elvis Seysun**
(K.I. numru 454385M)

## Il-Qorti

1. Rat illi l-imputat Leonard Emmanuel Bernard Tony Elvis Seysun, iben Emmanuel Anthony u Bernardette nee' Sammut, imwieled l-Ingilterra u residenti 22, Sqaq tal-Baggi, Zejtun, detentur tal-karta tal-identita' numru 454385M, gie akkuzat talli:

    i. *"nhar it-3 ta' Gunju 2019 bejn is-saghtejn u l-erbgha ta' waranofsinhar (14:00 – 16:00hrs) fi Triq ir-Repubblika fil-Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' basket li jikkontjeni flus kontanti li jammontaw ghal-845 ewro minn gewwa l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni SQZ037 tal-ghamla Peugeot, liema serq huwa kwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa, kif ukoll bil-valur li jiskorri il-mitejn tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma' jiskorrix l-elfejn tlett mijja u disa' u ghoxrin euro u seba' u tletin centezmu*

*(€2,329.37) ghad-detriment ta' Gentian Sadika u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-artikoli 261(c)(g), 267 u 271(g) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta"*

2. Rat illi l-imputat tressaq taht arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Struttorja fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2019 f'liema seduta *inter alia*:

   i. il-Qorti ikkonvalidat tali arrest;
   ii. sar l-ezami tal-imputat skond il-ligi fejn wiegeb li huwa hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu b'dan li ikkontenda li l-ammont misruq kien dak ta' €445 u mhux €845;
   iii. il-kawza giet posposta sabiex l-imputat jinghata hin sufficjenti biex jerga' jikkonsulta mal-avukat tieghu dwar tali ammissjoni;
   iv. meta regghet issejjhet il-kawza l-imputat ikkonferma l-ammissjoni kwalifikata tieghu wara li l-Qorti wissietu bil-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu, b'mod partikolari l-piena li tikkontempla l-ligi u kif ukoll wara li l-Qorti taghtu hin bizzejjed biex jerga' jahsibha u jekk irid jirtira tali amissjoni;
   v. fuq talba tad-difiza mhux opposta mill-prosekuzzjoni, il-Qorti ordnat illi jinhatar Ufficjal tal-Probation sabiex jigi redatt *Pre-Sentencing Report* fil-konfront tal-imputat;
   vi. bl-applikazzjoni tal-Art. 370(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, waqt l-ezami tal-imputat skond l-Art. 392 tal-Kap. 9 izda qabel ma' gie ezaminat skond l-Art. 392(1)(b), il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk ghandux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u dan wiegeb li m'ghandux oggezzjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija;
   vii. bl-applikazzjoni tal-Art. 370(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti imbaghad ghaddiet sabiex issaqsi lill-Ufficjal Prosekutur jekk l-Avukat Generali tax il-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-istess Ufficjal Prosekutur informa lill-Qorti illi tali kunsens filfatt inghata u ghal dan il-ghan esebixxa Dok JS mahrug mill-Avukat Generali fit-12 ta' Gunju 2019;

3. Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2019, ir-rikors tal-Ufficjal tal-Probation tad-9 ta' Lulju 2019, ix-xhiedha tal-*parte civile* Gentian Sadika moghtija fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2019 u l-atti l-ohra tal-kawza;

4. Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2019, wara li qrat il-kontenut tar-rikors tal-Ufficjal tal-Probation fuq imsemmi, il-Qorti rrevokat *contrario imperio* l-ordni taghha tat-12 ta' Gunju 2019 sabiex jigi redatt *Pre-Sentencing Report* fil-konfront tal-imputat

**Kunsiderazzjonijiet**

5. Ikkunsidrat illi fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2019, il-*parte civile* Gentian Sadika kkonferma bil-gurament tieghu illi l-affarijiet li kellu fil-baskett misruq kienu s-segwenti:
   i. Portafoll li kellu fih €845 fi flus kontanti;
   ii. Karta tal-identita' mahruga mill-Awtoritajiet tal-Albanija;
   iii. Karta tal-identita' mahruga minn Identity Malta;
   iv. Licenzja tas-sewqan mahruga mill-Awtoritajiet tal-Albanija;
   v. Karta tal-kreditu mahruga mill-Bank of Valletta p.l.c.;
   vi. Mazz cwievet

6. Ikkunsidrat illi l-istess *parte civile* xehed ukoll fl-istess seduta illi l-ammont ta' spejjez sabiex jottjeni mill-gdid id-dokumenti msemmija f'punt 4 ii-v kif ukoll il-valur tal-baskett u tal-portafoll jekwivalu ghall-ammont komplessiv ta' disgha u disghin euro (€99);

7. Ikkunsidrat illi d-difiza rrinunzjat ghall-kontroezami tal-istess *parte civile;*

**Decide**

8. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

   i. **wara li rat l-Artikoli 261(c)(g), 267 u 271(g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u <u>tikkundannah</u> ghal sena prigunerija b'dan pero illi peress illi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz jissussistu ragunijiet validi (fosthom l-ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, anke jekk mhux ghall-ammont shih) sabiex tali terminu ta' prigunerija jigi sospiz ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' erba' (4) snin b'effett mill-lum;**

   ii. **<u>spjegat</u> lill-hati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija;**

   iii. **bl-applikazzjoni tal-Art. 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta <u>tordna</u> lill-hati sabiex entro sitt (6) xhur mill-lum jhallas lura lill-*parte civile* l-ammont komplessiv ta' disa' mija erba' u erbghin euro (€944);**

iv. **spjegat lill-hati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28H tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huwa jonqos li jikkonforma ruhu mad-direttiva tal-Qorti.**

**Dr. Victor George Axiak**
**Magistrat**

**Mario Azzopardi**
**Deputat Registratur**